

MT



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

2018

Awditu fil-qosor dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għall-2018

Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2018 dwar il-JUs tal-UE
maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Werrej

	Paragrafu
Sommarju eżekuttiv	I-IV
X'qegħdin nawditjaw	01-17
Struttura legali u stabbiliment	01-03
Il-JUs joperaw taħt H2020 u l-Euratom	04-09
Attwalment tmien JUs qed jimplimentaw azzjonijiet speċifiċi ta' Orizzont 2020	04-07
Inħolqot Impriża Konġunta għall-ITER	08-09
Arranġamenti ta' governanza	10
Il-finanzjament u r-riżorsi tal-JUs għall-2018	11-16
Proċedura ta' kwittanza	17
L-awditu tagħna	18-21
Il-mandat tagħna	18
Użu tax-xogħol ta' oħrajn	19-20
Valutazzjoni tar-riskju tagħna	21
Riżultati kumplessivi mill-awditi annwali tal-JUs għas-sena finanzjarja 2018	22-44
Opinjonijiet mhux kwalifikati ("favorevoli") ...	22-28
... dwar il-kontijiet għall-JUs kollha, iżda osservazzjoni għall-F4E relatata mal-kontribuzzjoni mill-UE għall-ITER	22-24
... dwar id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet tal-JUs kollha	25
... dwar il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-JUs kollha	26-28
L-osservazzjonijiet tagħna jindirizzaw ukoll oqsma fejn jista' jsir titjib	29-43
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	30
Livell ta' implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-JUs taħt l-FP7 u kontribuzzjonijiet mill-membri	31
Livell ta' implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-JUs taħt l-H2020 u kontribuzzjonijiet mill-membri	32-36

Kontrolli interni għal pagamenti	37-40
Ġestjoni tal-proġetti u tal-għotjiet	41-43
Segwitu għas-sejbiet tal-awditjar preċedenti	44
Awditi u analiżijiet oħra relatati mal-JUs	45

Lista ta' Akronimi

Il-lista ta' akronimi tinkludi l-Impriżi Konġunti tal-UE u l-korpi l-oħra tal-Unjoni li huma koperti minn dan ir-rapport.

Akronimu	Isem sħiħ
AE	Aġenzija Eżekuttiva
ARTEMIS	L-Impriża Konġunta ARTEMIS għall-implimentazzjoni ta' Inizjattiva Teknoloġika Konġunta f'Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter
BBi	L-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'Bażi Bijoloġika
CAS	Servizz tal-Awditjar Komuni tad-DĠ RTD tal-Kummissjoni
CFS	Ċertifikat dwar Rapportji Finanzjarji
CS	L-Impriża Konġunta "Clean Sky"
DĠ RTD	Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni
EASA	L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea
ECSEL	L-Impriża Konġunta Komponenti u Sistemi Elettroniċi
EIT	L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija
ENIAC	Il-Kunsill Konsultattiv Ewropew dwar l-Inizjattiva fin-Nanoelettronika
Euratom	Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
EuroHPC	L-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew
EVM	Ġestjoni tal-valur gwadanjat

F4E	L-Impriża Konġunta Fużjoni għall-Enerġija
FCH	L-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu
FNE	Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa
FP7	Is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp teknoloġiku (2007-2013)
H2020	Orizzont 2020 - Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)
IMI	L-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi
ITER	Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali
JUs	Impriżi Konġunti
NFA	Awtorità nazzjonali ta' finanzjament
P2P	Sħubija Pubblika-Pubblika
PMO	Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Flas tal-Intitolamenti Indivdwali
QFP	Qafas finanzjarju pluriennali
S2R	L-Impriża Konġunta Shift2Rail (Inizjattiva Ferrovjarja Ewropea)
SESAR	L-Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew
SNE	Espert Nazzjonali Sekondar
TEN-T	Programm tan-Netzwerks trans-Ewropew tat-Trasport

Sommarju eżekuttiv

I Għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018, aħna ħriġna opinjonijiet mhux kwalifikati ("favorevoli") tal-awditjar dwar il-kontijiet tal-Impriża Konġunti (JUs) kollha. Madankollu, bħal fi snin preċedenti, l-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar il-kontijiet annwali ta' "Fużjoni għall-Enerġija" (F4E) għall-2018 hija akkumpanjata minn osservazzjoni, biex niġbdu l-attenzjoni għar-riskju ta' aktar żidiet fl-ispejjeż u aktar dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett ITER.

II Aħna ħriġna wkoll opinjoni mhux kwalifikata ("favorevoli") tal-awditjar dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti u tad-dħul li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-2018 tal-JUs kollha.

III B'mod ġenerali, l-awditu li wettaqna tal-kontijiet annwali tal-JUs u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi tagħhom ikkonferma r-riżultati pożittivi li aħna rrapportajna fi snin preċedenti.

IV Il-kontribuzzjonijiet mill-membri fir-rigward tal-attivitajiet taħt l-FP7 u t-TEN-T li ġew implimentati minn ħames JUs (SESAR, CS, IMI, FCH, ECSEL), ammontaw għal madwar 89 % tal-miri stabbiliti mir-regolamenti fundaturi tal-JUs fi tmiem l-2018 u fil-fażi ta' għeluq tal-programm. Il-progress li sar taħt il-programmi u l-kontribuzzjoni relatata għas-seba' JUs li jimplimentaw attivitajiet taħt H2020 (SESAR, CS, IMI, FCH, ECSEL, BBI, S2R) naqsu milli jilħqu l-miri tagħhom ukoll. Fi tmiem l-2018, li kien il-punt nofsani tal-perjodu ta' programmazzjoni, il-JUs, bħala medja, kienu implimentaw 39 % biss tal-attivitajiet tagħhom taħt H2020 u ta' dawk addizzjonali relatati. Mingħajr l-attivitajiet addizzjonali, ir-rata ta' implimentazzjoni kienet ta' 31 % biss. Bl-istess mod, bħala medja, il-JUs laħqu 25 % biss tal-miri tagħhom tal-kontribuzzjonijiet għal attivitajiet operazzjonali, meta mqabbel ma' 75 % għall-attivitajiet addizzjonali tagħhom.

X'qegħdin nawditjaw

Struttura legali u stabbiliment

01 L-Impriżi Konġunti (JUs) huma forma ta' sħubija pubblika-privata b'personalità ġuridika, li għandhom l-għan li jqarrbu r-riżultati tal-proġetti f'oqsma strateġiċi tar-riċerka u l-innovazzjoni lejn is-suq u li jtejbu r-rabta bejn ir-riċerka u t-tkabbir tas-soċjetà.

02 Dawn huma stabbiliti skont l-Artikolu 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew – fil-każ ta' Fużjoni għall-Enerġija (F4E) - skont l-Artikoli 45 sa 51 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom).

03 Huma jikkonsistu minn membri pubbliċi, tipikament l-Unjoni Ewropea (irrappreżentata mill-Kummissjoni), l-Istati Membri parteċipanti, u organizzazzjonijiet internazzjonali u membri privati, li jkunu mis-settur tal-industrija u f'xi wħud mill-każijiet anki minn dak tar-riċerka. Il-JUs, bl-eċċezzjoni tal-F4E, jadottaw l-aġenda proprja tagħhom għar-riċerka u jagħtu l-finanzjament, prinċipalment permezz ta' sejħiet miftuħa għal proposti.

Il-JUs joperaw taħt H2020 u l-Euratom

Attwalment tmien JUs qed jimplementaw azzjonijiet speċifiċi ta' Orizzont 2020

04 L-ewwel grupp ta' seba' JUs jimplementa azzjonijiet speċifiċi ta' Orizzont 2020 (H2020):

- Clean Sky (CS);
- Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR);
- Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (FCH);
- Inizjattiva dwar Mediċini Innovattivi (IMI);
- Komponenti u Sistemi Elettroniki għal Tmexxija Ewropea (ECSEL), li għet stabbilita fl-2014 minn fużjoni taż-żewġ JUs: Nanoelettronika (ENIAC) u Sistemi Inkorporati (ARTEMIS);


- o Industriji b'bażi Bijoloġika, u
- o Shift2Rail (S2R)

05 Barra minn hekk, f'Novembru 2018, il-Kunsill stabbilixxa it-tmien Impriża Konġunta fil-qasam tar-riċerka diġitali: l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC) Dan il-korp ġie stabbilit minn inizzjattiva konġunta bejn l-UE u pajjiżi oħra Ewropej biex tiġi żviluppata ekosistema ta' klassi dinjija għas-supercomputing fl-Ewropa. Aħna se nawditjaw il-kontijiet ta' din l-Impriża Konġunta għall-ewwel darba fl-2020.

06 Attwalment, huwa ppjanat li dawn il-JUs se jkomplu joperaw sal-2024, bl-eċċezzjoni ta' EuroHPC, li se tibqa' operazzjonali sa tmiem l-2026.

07 Il-*Figura 1* tippreżenta stampa ġenerali tad-data ta' stabbiliment u tad-durata ppjanata tal-operazzjonijiet ta' dawn il-JUs li joperaw taħt H2020.

Figura 1 – JUs li joperaw fil-qafas ta' H2020 - data ta' stabbiliment u durata ppjanata tal-operazzjonijiet



Il-KE, ibbażat fuq ir-Regolamenti tal-Kunsill li jistabbilixxu l-JUs, modifikat mill-QEA.

Sors:


Inġolqot Impriża Konġunta għall-ITER

08 Fl-2007, skont it-Trattat Euratom, l-UE stabbiliet l-Impriża Konġunta “Fużjoni għall-Enerġija” (F4E) għal perjodu ta’ 35 sena. Hija responsabbli biex ttipprovdi l-kontribuzzjoni tal-Ewropa għar-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER), sħubija xjentifika globali li għandha l-għan li tiddimustra li l-fużjoni nukleari tista’ ttipprovdi sors vijabbli u sostenibbli ta’ enerġija¹. Il-membri fundaturi tal-F4E huma l-Euratom, irrappreżentata mill-Kummissjoni, l-Istati Membri tal-Euratom u l-lvizzera.

09 L-Impriża Konġunti kollha li joperaw fil-qafas ta’ H2020 huma bbażati fi Brussell (il-Belġju), bl-eċċezzjoni ta’ EuroHPC, li tinsab fil-Lussemburgu. F4E tinsab f’Barcellona (Spanja), filwaqt li l-faċilitajiet prinċipali ta’ fużjoni qed jinbnew f’Cadarache, Franza (ara l-[Figura 2](#)).

¹ Il-proġett ITER tnieda fl-2005 biex jibni u jopera faċilità esperimentali li tiddimustra l-vijabbiltà xjentifika tal-fużjoni bħala sors futur ta’ enerġija sostenibbli. Huwa jinvolti seba’ sħab globali (l-UE li hija rrappreżentata mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom), l-Istati Uniti, ir-Russja, il-Ġappun, iċ-Ċina, il-Korea t’Isfel u l-Indja).

Figura 2 – Sedi tal-JUs fl-Unjoni Ewropea



Sors: II-QEA.

Arranġamenti ta' governanza

10 Il-biċċa l-kbira mill-JUs isegwu mudell bipartitiku, fejn il-Kummissjoni u l-industrija (f'xi wħud mill-każijiet anki s-settur tar-riċerka) jipparteċipaw fil-bord ta' tmexxija u jikkontribwixxu għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta (SESAR, CS, IMI, FCH, BBI, S2R). Oħrajn (ECSEL u EuroHPC) isegwu mudell tripartitiku, fejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni, u l-industrija jipparteċipaw fil-bord ta' tmexxija u jikkontribwixxu għall-attivitajiet tal-impriża konġunta

Il-finanzjament u r-riżorsi tal-JUs għall-2018


11 Għall-JUs li jimplimentaw proġetti rilevanti għall-FP7 u H2020, kemm l-UE kif ukoll is-sħab fl-industrija u fir-riċerka jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tal-JUs.

- Il-Kummissjoni tipprovdi finanzjament bi flus mill-Programmi FP7 u minn H2020 għall-kofinanzjament tal-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni tal-JUs. Żewġ JUs (SESAR u S2R) jirċievu wkoll finanzjament mill-programm tan-Netzwerke Trans-Ewropej tat-Trasport (TEN-T);
- Is-sħab fl-industrija u fir-riċerka jipprovdu kontribuzzjonijiet *in natura* għall-implimentazzjoni tal-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni tal-JUs; u
- Kemm il-Kummissjoni kif ukoll is-sħab privati jipprovdu l-istess ammont ta' kontribuzzjonijiet fi flus kontanti biex jiffinanzjaw l-ispiża amministrattiva tal-JUs.

12 Għal attivitajiet taħt l-FP7, l-ammont ta' kontribuzzjonijiet *in natura* pprovduti mis-sħab fl-industrija u fir-riċerka għandu jkun daqs l-ammont ta' kontribuzzjonijiet fi flus kontanti mogħtija mill-UE. Madankollu, għall-attivitajiet taħt H2020, ir-regolamenti fundaturi rispettivi ta' kull imprima konġunta jiddefinixxu kemm l-ammont tal-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti mogħtija mill-UE kif ukoll l-ammont tal-kontribuzzjonijiet *in natura* mogħtija mis-sħab privati għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni taħt H2020.

13 Il-**Figura 3** turi ripartizzjoni stmata tal-kontribuzzjonijiet kemm għall-FP7 kif ukoll għal H2020.

Figura 3 – Kontribuzzjonijiet mogħtija mill-membri matul il-ħajja tal-impriża konġunta (f'miljun EUR)




Sors: II-QEA.

14 Hemm żewġ tipi ta' kontribuzzjonijiet mill-membri tal-industrija: Għall-JUs kollha, il-membri privati jridu jikkontribwixxu ammont minimu għall-ispejjeż totali tal-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni tal-impriża konġunta. Din il-kontribuzzjoni hija ddefinita bħala d-differenza bejn l-ispejjeż totali tal-proġett u l-kofinanzjament mill-UE. Fil-każ ta' erba' JUs (CS, FCH, BBI u S2R), il-membri privati jridu jipprovdu wkoll ammont minimu ta' kontribuzzjonijiet *in natura* li jikkonsistu minn "attivitajiet addizzjonali" li ma jitwettqux taħt il-programmi ta' ħidma tal-JUs, iżda li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-oġettivi tagħhom.

15 Il-JUs (ħlief l-F4E) jimmaniġġjaw madwar 10 % jew EUR 7,2 biljun tal-baġit globali ta' H2020, kif jidher fil-[Figura 4](#). Il-finanzjament mill-UE jimmobilizza madwar EUR 17-il biljun għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni fl-oqsma ta' H2020 li jiġu ddelegati lill-JUs. Għall-2018, il-baġit tal-pagament totali tas-seba' JUs li jimplimentaw attivitajiet ta' programmi ta' riċerka ammonta għal EUR 1,2 biljun (2017: EUR 1,2 biljun) u fi tmiem l-2018 huma kienu jimpjegaw 227 membru tal-persunal (2017: 227), li kienu jinkludu uffiċjali, aġenti temporanji, aġenti kuntrattwali, u esperti nazzjonali sekondati.

Figura 4 – Sehem tal-baġit ta' H2020, skont il-korp ta' implimentazzjoni



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq *data* tal-KE.

16 L-F4E hija prinċipalment iffinanzjata mill-Euratom u mill-Istati Membri tagħha. Il-fondi totali tal-Euratom li huma ddedikati għall-F4E huma limitati għal EUR 6,6 biljun sa tmiem l-2020. Fl-2018, il-baġit annwali ta' pagamenti tal-F4E kien jammonta għal

EUR 794,8 miljun (2017: EUR 847,6 miljun). Fi tmiem l-2018, l-F4E kienet timpjega 442 membru tal-persunal (2017: 449), li jinkludu aġenti uffiċjali u aġenti temporanji.

Proċedura ta' kwittanza

17 Il-kronoloġija tal-proċedura annwali ta' kwittanza tintwera fil-**Figura 5**.

Figura 5 – Proċedura annwali ta' kwittanza



Sors: Il-QEA.

L-awditu tagħna

Il-mandat tagħna

18 Kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), aħna awditajna l-kontijiet ta' tmien JUs għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Użu tax-xogħol ta' oħrajn

19 Għall-awditu tal-affidabbiltà tal-kontijiet tal-impriżi konġunti, aħna bbażajna l-opinjoni tagħna fuq ir-rapporti finali tal-awditjar tal-awditur indipendenti estern ikkuntrattat mill-impriża konġunta. Għal kull impriża konġunta, aħna eżaminajna l-kwalità tax-xogħol tal-awditjar għall-oqsma li jinsabu l-aktar f'riskju.

20 Għall-awditjar tal-konformità tal-pagamenti ta' bażi, aħna ħadna kont tax-xogħol imwettaq minn awdituri oħra. Għalhekk, aħna vvalutajna u ttesttajna s-sistema ta' kontroll intern tal-JUs, eżaminajna u wettajna mill-ġdid ix-xogħol tal-awditjar *ex post* li sar mis-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tal-Kummissjoni u tal-awdituri esterni kkuntrattati minnha, u analizzajna l-awditi relatati mal-JUs imwettqa mis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni.

Valutazzjoni tar-riskju tagħna

21 L-awditu annwali tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-JUs għall-2018 ħa inkunsiderazzjoni l-valutazzjoni tar-riskju tagħna tal-JUs, li hija ppreżentata fil-qosor hawn taħt.

- o Il-kontijiet tal-JUs jiġu stabbiliti bl-applikazzjoni tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn ir-regoli huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment. Peress li l-għadd ta' żbalji materjali li nstab fil-passat kien żgħir, aħna qisna li r-riskju għall-affidabbiltà tal-kontijiet huwa baxx. Madankollu, minħabba bidla importanti fil-politika kontabilistika fl-2018, ir-riskju għall-F4E ġie vvalutat bħala li kien medju.

- Is-salarji jiġu amministrati mill-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Flas tal-Intitolamenti Indivdwali (PMO) tal-Kummissjoni, li aħna nawditjaw fil-qafas tal-valutazzjoni speċifika tagħna tan-nefqa amministrattiva tal-UE. Fi snin reċenti, ma nstabu l-ebda żbalji materjali relatati ma' dawn il-pagamenti.
- B'mod ġenerali, ir-riskju għal-legalità u r-regolarità tal-proċeduri ta' reklutaġġ kien baxx, iżda għall-JUs b'rata għolja ta' dawran tal-persunal ir-riskju kien medju.
- Għal pagamenti ta' għotja, b'mod ġenerali, ir-riskju ġie vvalutat li huwa medju minħabba li għal H2020, iċ-Ċertifikati dwar ir-Rapporti Finanzjarji (CFS) huma meħtieġa mill-benefiċjarju fit-tmiem ta' proġett biss, fejn il-kontribuzzjonijiet mill-UE jaqbżu l-EUR 325 000, u l-benefiċjarji mhumiex obbligati jipprovdu dokumentazzjoni ddettaljata jew evidenza għal pagamenti *interim* ta' H2020 (il-prinċipju tal-fiduċja).
- Għall-pagamenti għal kuntratt u l-proċeduri ta' akkwist pubbliku, minħabba l-għadd limitat ta' dawn il-proċeduri, b'mod ġenerali, ir-riskju ġie vvalutat li huwa baxx, iżda għall-F4E, li jimmaniġġja proċeduri ta' akkwist kumplessi għal kuntratti b'valur għoli, ir-riskju huwa medju.

Riżultati kumplessivi mill-awditi annwali tal-JUs għas-sena finanzjarja 2018

Opinjonijiet mhux kwalifikati (“favorevoli”) ...

... dwar il-kontijiet għall-JUs kollha, iżda osservazzjoni għall-F4E relatata mal-kontribuzzjoni mill-UE għall-ITER

22 Aħna ħriġna opinjonijiet mhux kwalifikati tal-awditjar dwar il-kontijiet tal-JUs kollha. Fl-opinjoni tagħna, dawn il-kontijiet jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjonijiet finanzjarji tal-JUs fil-31 ta' Diċembru 2018 kif ukoll ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom u l-flussi tal-flus tagħhom għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti finanzjarji applikabbli u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni.

23 Bħal fi snin preċedenti, l-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar il-kontijiet annwali tal-F4E għall-2018 hija akkumpanjata minn osservazzjoni² biex niġbdu l-attenzjoni għal dan li ġej:

- F'Novembru 2016, il-Kunsill tal-ITER approva linja bażi ġdida għall-proġett ITER, ibbażat fuq il-bidu mistenni tal-fażi operazzjonali (jiġifieri meta se tinkiseb l-Ewwel Plażma³) fl-2025 u t-tlestija tal-fażi ta' kostruzzjoni fl-2035. Din il-linja bażi l-ġdida hija ppreżentata bħala l-eqreb data teknikament possibbli li tinkiseb. Il-linja bażi preċedenti tal-2010 kienet stmat li l-fażi ta' kostruzzjoni se tintlaħaq fl-2020.
- L-F4E kkalkulat mill-ġdid il-kontribuzzjoni tagħha għall-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett għal EUR 12-il biljun (fil-valuri tal-2008), li tirrappreżenta żieda meta mqabbla mal-ammont ta' EUR 6,6 biljun (fil-valuri tal-2008) li kien ġie approvat mill-Kunsill tal-UE fl-2010. Din l-istima ma tinkludix kontinġenzi, minkejja li l-

² Osservazzjoni tiġbed l-attenzjoni għal kwistjoni li ma tkunx ġiet materjalment iddikjarata b'mod skorrett fil-kontijiet, iżda li tkun ta' tant importanza li tkun fundamentali biex l-utenti jifhmu l-kontijiet.

³ L-Ewwel Plażma tirrappreżenta l-istadju ta' kostruzzjoni tal-magna tal-fużjoni li se tippermetti l-ittestjar tal-komponenti essenzjali tal-magna; dan huwa wkoll il-punt fejn tibda l-fażi operattiva.

Kummissjoni ssuġġeriet li jkun xieraq li tiġi prevista kontinġenza sa 24 xahar f'termini ta' skeda ta' żmien u kontinġenza sa 10-20 % f'termini ta' baġit.

- o Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit innotifika lill-Kunsill Ewropew dwar id-deċiżjoni tiegħu li joħroġ mill-UE u mill-Euratom. Dan jista' jkollu effett sinifikanti fuq l-attivitajiet ta' wara l-2020 tal-Impriża Konġunta F4E u tal-proġett ITER.

24 Filwaqt li l-F4E ħadet passi pożittivi biex ittejjeb il-ġestjoni u l-kontroll tal-kontribuzzjoni tagħha għall-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett, għad hemm ir-riskju ta' aktar żidiet fl-ispejjeż u aktar dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett meta mqabbel mal-linja bażi attwali.

... dwar id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet tal-JUs kollha

25 Għall-JUs kollha, aħna ħriġna *opinjonijiet mhux kwalifikati tal-awditjar* dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018. Fl-opinjoni tagħna, it-tranżazzjonijiet kienu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.


... dwar il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-JUs kollha

26 Għall-JUs kollha, aħna ħriġna *opinjonijiet mhux kwalifikati tal-awditjar* dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018. Fl-opinjoni tagħna, it-tranżazzjonijiet kienu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

27 Għall-ewwel darba, aħna tajna wkoll opinjoni mhux kwalifikata tal-awditjar dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-2018 għall-ECSEL. Peress li s-sehem mill-pagamenti taħt l-FP7 (li għalihom l-ECSEL ma setax jikkalkula rata unika ta' żball), kien f'livell baxx (madwar 20 % tal-pagamenti), kellna aċċertament raġonevoli li r-rata ta' żball għall-pagamenti totali tal-ECSEL għall-2018 kienet taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 % (ara wkoll il-paragrafu **38**).

28 Il-**Figura 6** tagħti stampa ġenerali tal-opinjonijiet tal-QEA għat-tmien JUs rigward l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (dħul u pagamenti) mill-2016 sal-2018.

Figura 6 – Opinjonijiet dwar il-JUs mill-2016 sal-2018



Sors: II-QEA.

L-osservazzjonijiet tagħna jindirizzaw ukoll oqsma fejn jista' jsir titjib

29 Aħna għamilna wkoll diversi osservazzjonijiet li jenfasizzaw punti importanti u oqsma fejn jista' jsir titjib, prinċipalment dwar kwistjonijiet ta' ġestjoni baġitarja u finanzjarja, kontribuzzjonijiet *in natura* minn membri, kontrolli interni għal pagamenti, u proċeduri ta' għotja.

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

30 Aħna sibna nuqqasijiet persistenti fl-ippjanar tal-baġit għall-appropriazzjonijiet ta' pagament. B'mod partikolari:

- L-F4E kellha żżid l-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-2018 b'madwar EUR 160 miljun, jew b'25 % tal-baġit inizjali, biex tkopri l-ħtiġijiet ta' pagament reali tagħha fl-2018; u
- Fil-każ tas-SESAR u l-ECSEL, ir-rata ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' pagament fl-2018 kienet sinifikattivament aktar baxxa milli mistenni. Dan seħħ minħabba dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti u minħabba l-fatt li l-appropriazzjonijiet ta' pagament mhux użati riportati mis-snin preċedenti ma kinux ittiegħdu inkunsiderazzjoni bis-sħiħ fl-ippjanar tal-ħtiġijiet għall-baġit tal-2018.

Livell ta' implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-JUs taħt l-FP7 u kontribuzzjonijiet mill-membri

31 FI-2018, l-implimentazzjoni tal-attivitajiet taħt l-FP7 u t-TEN-T tal-ħames JUs (SESAR, CS, IMI, FCH, ECSEL) kienet fil-fażi ta' għeluq tagħha. Fi tmiem l-2018, il-kontribuzzjonijiet mill-membri għal dawn l-attivitajiet kienu jirrappreżentaw madwar 89 % tal-miri tal-kontribuzzjonijiet stabbiliti mir-regolamenti fundaturi tal-JUs (ara t-*Tabella 1*).

Tabella 1 – FP7 u TEN-T – Kontribuzzjonijiet mill-membri (f' miljun EUR)

Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			JUs taħt I-FP7	Kontribuzzjonijiet mill-membri (sitwazzjoni fil-31.12.2018)			
UE	Membri oħra	Total		UE	Membri oħra	Total	Rata ta' implimentazzjoni
700,0	1 284,3	1 984,3	SESAR 1	634,1	1 099,8	1 733,9	87 %
800,0	600,0	1 400,0	CS 1	800,0	608,5	1 408,5	101 %
1 000,0	1 000,0	2 000,0	IMI 1	916,0	735,8	1 651,8	83 %
470,0	470,0	940,0	FCH 1	421,3	442,5	863,8	92 %
655,5	1 784,4	2 439,9	ECSEL (għal Artemis/Eniac)	655,5	1 495,4	2 150,9	88 %
3 625,5	5 138,7	8 764,2	Total	3 426,9	4 382,0	7 808,9	89 %

Sors: Data pprovduta mill-JUs.

Livell ta' implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-JUs taħt l-H2020 u kontribuzzjonijiet mill-membri

32 Il-kontribuzzjonijiet mill-membri waqgħu lura milli jilħqu l-miri speċifikati għas-seba' JUs (SESAR, CS, IMI, FCH, ECSEL, BBI, S2R) li jimplimentaw attivitajiet tal-programm H2020. FI-2018 u l-ħames sena tal-perjodu ta' programmazzjoni, kienu ġew implimentati 39 % biss mill-attivitajiet addizzjonali tagħhom relatati ma' H2020. Jekk l-attivitajiet addizzjonali jiġu esklużi, ir-rata ta' implimentazzjoni kienet ta' 31 % biss (ara t-[Tabella 2](#)).

33 Sa tmiem l-2018, il-Kummissjoni kienet ikkontribwiet EUR 2,5 biljun fi flus kontanti (35 % tal-kontribuzzjonijiet totali maqbula ta' EUR 7,2 biljun), filwaqt li s-sħab fl-industrija u fir-riċerka kienu kkontribwew EUR 4 biljun (41 % tal-kontribuzzjonijiet totali maqbula ta' EUR 9,8 biljun). Dawn l-EUR 4 biljun kienu jikkonsistu:

- f'EUR 1,7 biljun ta' kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali proprji implimentati mill-JUs taħt H2020 (li minnhom madwar EUR 0,6 biljun ġew iċċertifikati fi tmiem l-2018); u
- f'EUR 2,3 biljun ta' kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali li ma twettqux taħt il-programmi ta' ħidma tal-JUs iżda fl-ambitu tal-oġettivi tal-JUs.

Tabella 2 – Orizzont 2020 – Kontribuzzjonijiet mill-membri (f'miljun EUR)

Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)				JUs taħt Orizzont 2020	Kontribuzzjonijiet mill-membri (sitwazzjoni fil-31.12.2018)						
UE	IKOP ta' membri oħra (1)	IKAA ta' membri oħra (2)	Total		UE	IKOP ivvalidati	IKOP irrappurtat i iżda mhux ivvalidati	IKAA	Total	Rata ta' implimentazzjoni bl- inklużjoni tal-IKAA	Rata ta' implimentazzjoni mingħajr l-IKAA
585,0	1 000,0	M/A	1 585,0	SESAR 2020	216,9	128,6	120,2	M/A	465,7	29 %	29 %
1 755,0	1 228,6	965,3	3 948,9	CS2	816,7	288,0	157,6	801,7	2 064,0	52 %	42 %
1 638,0	1 425,0	M/A	3 063,0	IMI2	241,9	144,0	83,9	M/A	469,8	15 %	15 %
665,0	95,0	285,0	1 045,0	FCH2	318,8	5,4	7,7	636,3	968,2	93 %	44 %
1 185,0	1 657,5	M/A	2 842,5	ECSEL	512,0	11,3	694,1	M/A	1 217,4	43 %	43 %
975,0	975,0	1 755,0	3 705,0	BBI	264,6	21,2	36,8	699,9	1 022,5	28 %	17 %
398,0	350,0	120,0	868,0	S2R	158,9	28,2	63,7	160,4	411,2	47 %	34 %
7 201,0	6 731,1	3 125,3	17 057,4	Total	2 529,8	626,7	1 164,0	2 298,3	6 618,8	39 %	31 %

(1) Kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali tal-impriża konġunta(2) Kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali li ma jaqgħux taħt il-programm ta' ħidma tal-impriża konġunta

Sors: Data pprovduta mill-JUs.

34 Fil-każ ta' erba' JUs (CS, FCH, BBI u S2R), ir-regolament fundatur jippermetti kontribuzzjonijiet *in natura* mill-membri privati għal attivitajiet addizzjonali li ma jaqgħux taħt il-programm ta' ħidma tal-JUs. Kif jidher fit-**Tabella 2**, sa tmiem l-2018, il-biċċa l-kbira mill-kontribuzzjonijiet li saru mill-membri tal-industrija kienu jikkonsistu mid-dikjarazzjoni tal-ispejjeż għal dawn l-attivitajiet.

35 Ir-rata ta' implimentazzjoni għall-kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet operazzjonali kienet ta' 25 %, filwaqt li dik għall-kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali kienet kważi 75 %. Peress li l-impriża konġunti mhumie x obbligati li jiddivulgaw dawn "il-kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali" fil-kontijiet annwali, ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-awditjar tagħna.

36 Aħna nosservaw li r-regolament fundatur għall-BBI ġie emendat fl-2018 biex il-membri fl-industrija jkunu jistgħu jagħtu rendikont tal-kontribuzzjonijiet tagħhom fi flus kontanti fil-livell tal-proġett. Madankollu, aħna nqisu li għad hemm riskju kbir li l-membri tal-industrija ma jiksbox l-ammont minimu meħtieġ ta' kontribuzzjonijiet operazzjonali fi flus kontanti ta' EUR 182,5 miljun qabel tmiem il-programm tal-BBI. F'dan il-kuntest, fi tmiem l-2018, il-Kummissjoni ddeċidiet li tnaqqas il-baġit tal-Impriża Konġunta għall-2020 ta' EUR 205 miljun b'EUR 140 miljun.

Kontrolli interni għal pagamenti

37 Il-JUs stabbilew proċeduri ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet dokumentarji finanzjarji u operazzjonali. Għal pagamenti *interim* u finali taħt l-FP7, id-ditti tal-awditjar indipendenti esterni, ikkuntrattati mill-JUs, iwettqu awditi *ex post* għand il-benefiċjarji, filwaqt li għal klejms għall-ispejjeż taħt H2020, il-CAS tal-Kummissjoni huwa responsabbli għall-awditi *ex post* li jsiru għand il-benefiċjarji.

38 Għall-pagamenti ta' għotja taħt l-FP7, il-JUs (bl-eċċezzjoni tal-ECSEL) irrappurtaw rati tal-iżball residwu taħt il-livell ta' materjalità ta' 2 %, ibbażati fuq ir-riżultati tal-awditjar *ex post* fi tmiem l-2018. Aħna kkonfermajna dan ir-riżultat permezz ta' ttestjar sostantiv li wettaqna fuq l-aħħar pagamenti ta' għotja. Għall-ECSEL, il-varjazzjoni sinifikanti fil-metodoloġiji u fil-proċeduri li ntużaw mill-Awtoritajiet Nazzjonali ta' Finanzjament (NFAs) ma tippermettix li l-Impriża Konġunta tikkalkula rata unika ta' iżball residwu għall-pagamenti taħt l-FP7. Għal dawn il-pagamenti, aħna applikajna r-rata tal-iżball residwu li ġiet stabbilita mid-DĠ RTD għall-programm FP7 kollu, u li fi tmiem l-2018 kienet ta' 3,36 %. B'riżultat ta' dan, minħabba l-perċentwal baxx tal-pagamenti taħt l-FP7 li saru fl-2018, ir-rata tal-iżball residwu għall-pagamenti

operazzjonali totali li saru mill-ECSEL f'dik l-istess sena hija meqjusa li hija taħt is-soll ta' materjalità.

39 Għall-pagamenti ta' għotja taħt H2020, fi tmiem l-2018, il-JUs kollha li jimplimentaw proġetti taħt H2020 irrappurtaw rata tal-iżball residwu taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 %, ibbażata fuq ir-riżultati tal-awditjar *ex post* fi tmiem l-2018. L-analiżi li wettaqna fuq ix-xogħol tal-awditjar tal-CAS tal-Kummissjoni u fuq dak ta' ditti tal-awditjar esterni, kif ukoll ċerti testijiet ta' twettiq mill-ġdid li saru għand il-benefiċjarji, ikkonfermaw dan ir-riżultat.

40 Madankollu, l-analiżi tagħna wriet ukoll sejbiet simili għal daww irrapportati fil-Kapitolu 5 tar-Rapport Annwali 2018 tagħna⁴. Aħna analizzajna l-awditj *ex post* imwettqa kemm mill-CAS tal-Kummissjoni kif ukoll mill-awdituri esterni kkuntrattati tagħha fuq bażi ta' kampjun għal pagamenti ta' għotja li saru mill-korpi kollha tal-UE li jimplimentaw attivitajiet taħt H2020. F'xi wħud mill-fajls li analizzajna, aħna sibna approċċi ta' kampjunar li ma kinux konsistenti u dgħufijiet fid-dokumentazzjoni u fir-rappurtar tas-sejbiet tal-awditjar, kif ukoll fil-kwalità tal-proċeduri tal-awditjar. Aħna sibna wkoll dgħufijiet metodoloġiċi relatati mal-kalkolu tar-rata ta' żball: għalkemm l-awditj *ex post* rarament jilħqu l-għan tagħhom ta' kopertura massima tal-ispejjeż aċċettati, ir-rata ta' żball tiġi kkalkulata sistematikament fuq il-bażi tal-ispejjeż aċċettati kollha, minflok tal-ammont realment awditjat. Dan iwassal għal dikjarazzjoni insuffiċjenti meta mqabbel mar-rata ta' żball li stmajna aħna bbażat fuq il-metodoloġija tagħna.

Ġestjoni tal-proġetti u tal-għotjiet

41 Fl-2018, għall-ewwel darba, l-S2R niedet sejħa pilota bi skema ta' finanzjament bbażata fuq somom f'daqqa li kienet ristretta għall-membri tagħha. Matul il-proċess ta' evalwazzjoni, l-esperti finanzjarji ltaqgħu ma' xi diskrepanzi materjali bejn il-proposti finanzjarji u d-*data* finanzjarja storika tal-benefiċjarji.

42 Għall-BBI, minħabba t-tfassil tas-sejħa għal proposti tagħha tal-2018 kif ukoll il-ġestjoni tas-sistema ta' klassifikazzjoni tagħhom, waħda minn żewġ suġġetti ewlenin fis-sejħa baqgħet ma rċevietx finanzjament, minkejja li kien hemm proposti eliġibbli u evalwati tajjeb għaż-żewġ suġġetti. Għas-SESAR, dgħufijiet fit-tfassil tas-sejħa għal proposti tal-2018 għall-fondi taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) irriżultaw fi

⁴ Ara l-Kapitolu 5 tar-Rapport Annwali 2018 tal-QEA - Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi, Modulu 2.

trikkib u inkonsistenzi fost il-kriterji tal-għoti, li jqiegħdu f'riskju l-effettività ġenerali tal-proċess ta' evalwazzjoni tal-għotjiet.


43 Fl-aħħar nett, għal bosta snin, aħna u l-esperti esterni rrakkomandajna li l-F4E timplimenta sistema ta' Ġestjoni tal-Valur Gwadanjat (EVM)⁵ biex tkejjel il-prestazzjoni abbażi tal-progress tekniku tal-proġetti, flimkien mal-ispiża imġarrba għal dak il-progress. Filwaqt li l-F4E baqgħet tuża s-sistema ta' krediti tal-ITER biex timmonitorja l-progress tal-proġett tagħha matul l-2018, f'April 2019 il-Bord ta' Tmexxija approva l-proposta tal-grupp ta' ħidma *ad hoc* tagħha ta' sistema EVM.

Segwitu għas-sejbiet tal-awditjar preċedenti

44 Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, il-JUs ħadu azzjoni korrettiva biex jagħtu segwitu għall-osservazzjonijiet u l-kummenti li saru fir-rapporti annwali speċifiċi tagħna mis-snin preċedenti. Il-**Figura 7** turi li għat-30 osservazzjoni li ma ġewx indirizzati fi tmiem l-2017, fl-2018 ittiegħdu azzjonijiet korrettivi: 20 osservazzjoni (67 %) ġew ikkompletati filwaqt li 10 osservazzjonijiet (33 %) kienu għadhom għaddejjin sa tmiem l-2018. Aktar dettalji jistgħu jinstabu fl-annessi għall-Kapitolu 3 tar-rapport sħiħ.

⁵ L-EVM tgħin lill-manigiers tal-proġetti biex ikejlu l-prestazzjoni tal-proġetti. Hija tikkostitwixxi proċess sistematiku għall-monitoraġġ tal-proġetti li jintuża biex jinstabu devjazzjonijiet fil-progress tal-proġetti abbażi tat-tqabbil tax-xogħol imwettaq u dak ippjanat. Din is-sistema tintuża għall-kontroll tal-ispejjeż u tal-iskeda ta' żmien, u biex tipprovdi *data* kwantitattiva għat-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-proġetti. Il-linja bażi tal-proġett hija komponent essenzjali tal-EVM u sservi bħala punt ta' referenza għall-attivitajiet kollha relatati mal-EVM.

Figura 7 – Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti



Sors: II-QEA.

Awditi u analiżijiet oħra relatati mal-JUs

45 Matul l-2018 u l-2019 aħna ħriġna wkoll għadd ta' rapporti speċjali u analiżijiet, li kienu jirreferu għall-JUs (ara l-[Figura 8](#))

Figura 8 – Riżultati tal-awditjar minn dokumenti oħra relatati mal-JUs maħruġa reċentement mill-QEA



Ir-Rapport Speċjali Nru 28/2018 tal-QEA:
Il-maġġoranza tal-miżuri ta' simplifikazzjoni integrati f'Orizzont 2020 iffaċilitaw aktar il-ħajja għall-benefiċjarji, iżda għad hemm lok għal titjib

Il-programm Orizzont 2020 jipprovdi finanzjament lil riċerkaturi, istituti tar-riċerka, universitajiet, kumpaniji privati u korpi pubbliċi, sew individwalment kif ukoll f'konsorzji, bħala parti minn proġetti kollaborattivi ta' riċerka. B'baġit ta' EUR 76.4 biljun għall-perjodu mill-2014 sal-2020, huwa jikklassifika bħala l-akbar programm pubbliku ta' riċerka u innovazzjoni fid-dinja.

L-awditu tagħna eżamina jekk il-bidliet li ġew introdotti permezz ta' Orizzont 2020 kinux effettivi fit-tnaqqis tal-piż amministrattiv minn fuq il-benefiċjarji. Aħna kkonkludejna li l-maġġoranza tal-miżuri ta' simplifikazzjoni kienu effettivi, għalkemm mhux l-azzjonijiet kollha pproduċew ir-riżultati mixtieqa u għad hemm lok għal titjib. Il-benefiċjarji jeħtieġu gwida u għodod aktar faċli għall-utent, u l-Kummissjoni għandha tkompli tittestja x-xerqien u l-utilizzabbiltà tal-iskemi ġodda ta' finanzjament. L-istabbiltà fir-regoli hija importanti wkoll, u filwaqt li l-benefiċjarji jistgħu jadattaw għall-kumplessità, modifiki frekwenti tal-gwida jistgħu jikkawżaw konfużjoni u inċertezza.

Id-dettalji dwar il-konklużjonijiet tal-awditjar, ir-rakkomandazzjonijiet relatati u r-risposti tal-entità awditjata jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tal-QEA eca.europa.eu.

Sors: Il-QEA.



Ir-Rapport Speċjali Nru 11/2019 tal-QEA:
Ir-regolamentazzjoni tal-UE għall-modernizzazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru pprovdiet valur miżjud – iżda, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, il-finanzjament ma kienx meħtieġ - mobilizzazzjoni tas-SESAR

Fl-2005, l-UE niedet programm magħruf bħala SESAR biex jarmonizza u jimmodernizza s-sistemi u l-proċeduri ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) fl-Ewropa kollha. Dawn is-sistemi tradizzjonalment ġew żviluppati fil-livell nazzjonali. B'mod globali, l-UE impenjat EUR 3.8 biljun favur is-SESAR bejn l-2005 u l-2020, li minnhom EUR 2.5 biljun ġew assenjati biex jingħata appoġġ għall-mobilizzazzjoni ta' dawn is-sistemi u l-proċeduri.

F'dan l-awditu, aħna eżaminajna l-intervent tal-UE fil-fażi ta' mobilizzazzjoni tas-SESAR, il-pilastru teknoloġiku tal-inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew (SES) tal-UE. Aħna kkonkludejna li l-intervent regolatorju li sar mill-UE fil-forma ta' proġetti komuni pprovdha valur miżjud. Madankollu sibna wkoll li, fil-biċċa l-kbira, il-finanzjament li nġghata mill-UE bħala appoġġ għall-modernizzazzjoni tal-ATM ma kienx meħtieġ, u li l-ġestjoni tal-finanzjament hija affettwata minn xi nuqqasijiet. Aħna għamilna wkoll għadd ta' rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea bħala għajnuna għat-titjib tal-appoġġ li hija tagħti għall-modernizzazzjoni tal-ATM.

Id-dettalji dwar il-konklużjonijiet tal-awditjar, ir-rakkomandazzjonijiet relatati u r-risposti tal-entità awditjata jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tal-QEA eca.europa.eu.



Analiżi panoramika 2018:
Lejn settur tat-trasport ġewwa l-UE li jkollu suċċess: sfidi li jridu jiġu indirizzati

Din l-analiżi panoramika tiddekrivi u tanalizza dak li qed isir mill-UE fil-qasam tat-trasport. Aħna niffukaw fuq investimenti fl-infrastruttura ffinanzjati mill-baġit tal-UE u nippreżentaw suġġetti trażversali li identifikkajna f'awditu li wettaqna reċentement tal-ħames meżżi prinċipali ta' trasport: bit-triq, bil-ferroviji, bl-ajru, minn passaġġi fuq l-ilma interni u dak marittimu.

Aħna sibna li l-UE kienet għamlet progress fl-iżvilupp tal-infrastruttura u fil-ftuħ tas-suq intern tat-trasport, iżda aħna nwissu wkoll li jeħtieġ li hija tindirizza sitt sfidi ewlenin biex tinkiseb mobbiltà aħjar ġewwa l-Unjoni. Dawn jinkludu t-tqabbil tal-oġġettivi u tal-prijoritajiet mar-riżorsi, ippjanar aħjar, manutenzjoni tal-infrastruttura, infurzar effettiv, il-bidla mit-trasport tal-merkanzija bit-triq għal meżżi oħra ta' trasport kif ukoll li jiġi żgurat il-valur miżjud tal-UE.

Permezz tal-informazzjoni ċara u aċċessibbli li hija tipprovdi lill-partijiet ikkonċernati u lil dawk interessati, din l-analiżi panoramika għandha l-għan li thegheg lill-partijiet ikkonċernati biex itejbu l-azzjonijiet u/jew jikkoordinawhom aħjar sabiex jipprovdu valur miżjud għall-isforzi tal-UE biex tilħaq l-oġġettivi tal-politika tagħha dwar it-trasport.

Id-dettalji dwar il-konklużjonijiet tal-awditjar, ir-rakkomandazzjonijiet relatati u r-risposti tal-entità awditjata jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tal-QEA eca.europa.eu.



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea